# Fatima – Portugal

A: 18 – 23 ta'Ġunju
B: 10 – 15 ta' Settembru
C: 15 – 20 ta'Ottubru

## Inzuru: Obidos, Fatima, Valinos, Ajustrel, Porto, Tomar, Mira De Aire Caves, Nazare' u Lisbona

**L-Ewwel Jum**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fis-06.50għat-titjira FR9654li ttir fit-08.50u naslu Lisbon fil-11.20. Transfer bil-kowċ lejn **Obidos** . Raħal medjavali. Inżuru ċ-ċentru storiku, Porta Da Vila, R. Direita, Il-knisja ta' St Maria u l-kastell . Ħin liberu fejn inżuru ħwienet ta' Arteġjanat Lokali u xi xarba lokali "Ġinja". Inkomplu l-vjaġġ lejn FATIMA fejn ikollna akkomodazzjoni fil-Hotel (Ċentrali) Santa Maria 4 star ftit passi bogħod mis-Santwarju. Sistemazzjoni u Ċena. Ħin biex ninżlu mal-Leader l-ewwel żjara fil-pjazza u s-Santwarju.

**It-Tieni Jum**
Breakfast: Nibdew il-jum ġdid billi naqbdu t-tourist train (extra) u mmorru **Valinos** u **Ajustrel** biex nimmeditaw flimkien il-Via Crucis. Inkomplu biex nidħlu fid-djar ta' Lucia, Francesco u Jacinta. Bil-coach inkomplu lejn il-Knisja Parrokkjali tat-tlett Rgħajja u wara nżuru ċ-ċentru kummerċjali ta' Fatima fejn ikollna ħin liberu għal xi shopping ta' souveniers. Umbat nitilqu lejn Fatima biex inżuru Cova De Iria, Kappella tad-Deħriet, il-Bażilika tar-Rużarju fejn naraw l-oqbra tat-tfal u s-Salib il-kbir. Ċena u wara ħarġa mal-leader biex nassistu r-Rużarju internazzjonali.

**It-Tielet Jum**
Breakfast Illum nitilqu lejn il-bajja ta' **Nazare**": fejn nagħmlu waqfa f'din is-sbuħija naturali bi tradizzjoni antika konness mas-sajd. Ħawnhekk ingawdu veduti sbieħ panoramiċi min fuq il-Belveder Miraduoro Do Suberco tal-Baħar miftuħ Atlantiku. Nagħmlu wkoll mixja ma' l'Avenida Repubblika u ħin liberu għall-ikel jew shopping fiċ-ċentru storiku- Nirritornaw lura Fatima u ħin liberu . Ċena u wara ħarġa ġo Fatima.

**Ir-Raba Jum**
Breakfast: Illum vjaġġ lejn Portugal ta' fuq: **Porto**. Kif naslu nibqgħu sejrin biex ninżlu lejn Cais De Ribeira min fejn naqbdu 6 Bridges River cruise tour (extra). Wara naqbdu " Cable Railway Dos Guindais" (Extra) min fejn ingawdu xeni sbieħ tax-xmara Douro u naslu fiż-żona ta' Batalha. Inkomplu bil-mixi biex niskopru l-Katedral, Stazzjon San Bento, Pjazza Liberta', il-kampnar/Torri ta' Clerigos u Piazza Lisboa. Ħin liberu biex nieklu xi ħaġa tajba u wara nibdew il-vjaġġ tagħna lura lejn Fatima, li hi waħda mill-iżjed postijiet t'importanza Kattolika fid-dinja, iddedikata lil Verġni Marija. Ċena. Wara ħin biex ninżlu żjara fil-pjazza u s-Santwarju tad-Deħriet biex nakkumpanjaw ir-Rużarju Internazzjonali mal-leader



**Il-Ħames Jum**
Breakfast u transfer bil-kowċ lejn **Tomar**. Mal-wasla tagħna ġewwa Tomar Inżuru **Templars Monastry** (entratura extra) u wara dawra bil-mixi mal-belT u x-xmara Nabao, it-Triq Serpa Pinto, il-katedral u Pjazza Repubblika. Ħin liberu u wara bil-coach nitilqu qalb kampanja sabiħa lejn L-**Caves Ta'**

**Mira D'Aire**. Ħin liberu biex inżuru dawn l-għerien spettakolari (entratura extra), fejn ser ikollna guided tour ta' dawn il-meravilji naturali taħt l-art fil-Portugal. Ritorn lejn Fatima għaċ-ċena. Filgħaxija nattendu ma' ħafna pellegrini l-funżjoni fil-**Pjazza Cova d'Iria**. Insellmu għall-aħħar darba lill-Madonna. fil- purċissjoni Aux Flambeaux.

**Is-Sitt Jum**

Buffet Breakfast; Tluq min Fatima u transfer lejn **Lisbona** l-belt kapitali tal-Portugal fejn ikollna eskursjoni ta'ġurnata mill-iżjed interessanti. Kif naslu mmorru dritt lejn iċ-Centru ta' Alfama b'mod speċjali biex naraw il-knisja fejn twieled Sant'Antnin. Inkomplu bil-coach biex niskopru l'isbaħ Avenues, pjazez u monumenti ta' Lisbona. Wara mal-leader niskopru l-Pjazza Kummerċjali, it-Triq Augusta, Pjazza Don Pedro u Restauradores. Ħin liberu għall-ikel, shopping jew kikkra cafe' bil-Pasteis De Nata. Wara bil-kowċ inkomplu lejn **Belem** żona moderna u sabiħa fuq ix-xmara Tagus. Inżuru Torri Belem, il-Pont Vasco De Gama, u l-monument ta' l-Iskoperti Padros Dos Descobrimentos. Mixja max-xmara Tagus mal-Leader f'Belem fejn napprezzaw il-bidu ta' l'Oċean Atlantiku. Wasal il-ħin biex nitilqu lejn l'Ajruport ta' Lisbona. Wara nagħmlu ċ-check in għat-titjira FR9655 li ttir fid-21.00 u naslu lura Malta fis-01.05

**Prezz Kull Persuna**

| **Half board, Eskursjonijiet u taxxi inklużi** | **Prezz Skontat** |
| --- | --- |
| Kamra ta' tlett persuni | €900 |
| Kamra żewġ persuni | €910 |
| Kamra ta' persuna waħda | €940 |
| Tfal sa 11-il sena f' kamra ma' żewġ adulti | €800 |

**Prezz jinkludi**

- Titjira mal-Malta Air
- Eskursjonijiet kollha mħallsa (esklużi l-entraturi, cable cars u boat trips)
- 5 iljieli - Hotel Santa Maria 4 star
- Buffet Breakfast
- Ċena kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

